MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 60/2005

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Charles Vella bin-numru tal-karta t'identita 859653(m)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u erba' u hamsin lira Maltin u tlett centezmi (Lm2154.03) rappresentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 419020, skond prospett anness mal-avviz u mmarkat Dok A u kuntratt relattiv mmarkat Dok B.

Bl-ispejjes komprisi dawk tal-avviz, u ta' l-ittra ufficjali tas-26 t'April 2000, annessa mal-avviz u mmarkata Dok C, u

tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a fol 2 sa fol 6 tal-atti u markati Dok A, Dok B u Dok C.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-30 ta' Novembru 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2154.03,0 bl-imghax legali mis-26 ta' April 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' April 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------